

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/31****tas-6 ta' Jannar 2022****li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-inċova fiż-żona 8 minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2021.
- (2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdet tal-istokk tal-inċova mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż fiż-żona 8, eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2021.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2021 għal Spanja għall-istokk tal-inċova fiż-żona 8 imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2****Projbizzjonijiet**

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipproġbit li jsir tiftix għall-ħut, tfigħi, issettjar jew ġibid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.
2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasfierment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdet meħuda qabel dik id-data.
3. Il-qabdet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġi rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³).

(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti il-miex minn tħalli għall-ħġieni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

(³) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Artikolu 3

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President*

*Virginijus SINKEVIČIUS*

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

Nru	23/TQ92
Stat Membru	Spanja
Stokk	ANE/08.
Speċi	Inċova ( <i>Engraulis encrasiculus</i> )
Żona	8
Data tal-ġeluq	It-13 ta' Awwissu 2021